

Opinjoni tal-Komitat Ewropew tar-Reġjuni — Proposti għal riforma tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (Diċembru 2017)

(2018/C 387/06)

Relatur:	Christophe ROUILLON (FR/PSE), Sindku ta' Coulaines
Dokumenti ta' referenza:	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi dispożizzjonijiet għat-tisħiħ tar-responsabbiltà fiskali u l-orjentazzjoni baġitarja fuq perjodu medju fl-Istati Membri
	COM(2017) 824 final
	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bank Ċentrali Ewropew – Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi
	COM(2017) 823 final
	Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Fond Monetarju Ewropew
	COM(2017) 827 final
	Għall-informazzjoni:
	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bank Ċentrali Ewropew – Aktar passi lejn it-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa: Pjan Direzzjonali
	COM(2017) 821 final

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi dispożizzjonijiet għat-tisħiħ tar-responsabbiltà fiskali u l-orjentazzjoni baġitarja fuq perjodu medju fl-Istati Membri

(COM(2017) 824 final)

Emenda 1

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Peress li <i>l-kriżi ekonomika u finanzjarja ħalliet</i> għadd ta' Stati Membri b'legat ta' dejn pubbliku kbir, u sabiex ikun hemm żgura l-konverġenza tad-dejn pubbliku lejn livelli ta' prudenza, huwa strumentali li jkun hemm qafas ta' regoli fiskali numeriċi, speċifiċi għal kull Stat Membru, li jkollhom l-għan li jsaħħu l-imġieba responsabbli fit-tmexxija tal-politika fiskali tiegħu, u fl-istess waqt li jippromwovi l-konformità mal-obbligi baġitarji li jtnisslu mit-TFUE. Jenħtieġ li tali qafas ikun jopera b'mod partikolari billi jistabbilixxi objettiv fuq perjodu medju, f'termini ta' bilanċ strutturali li jkun vinkolanti fuq l-awtoritajiet baġitarji nazzjonali u fuq id-deċizzjonijiet annwali tagħhom. L-objettivi fuq perjodu medju għall-pożizzjoni baġitarja jippermettu li jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-riskji differenti fil-proporzjon ta' dejn pubbliku għall-PDG u ta' sostenibbiltà tal-Istati Membri, <i>li</i> l-iżviluppi dwar id-dejn jiġu ankrati lejn il-valur ta' referenza stabbilit fl-Artikolu 1 tal-Protkoll Nru 12 dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropew u mat-TFUE.</p>	<p>Peress li għadd ta' Stati Membri <i>kienu kkonfrontati</i> b'legat ta' dejn pubbliku kbir <i>u investiment pubbliku taħt il-livell meħtieġ</i>, u sabiex ikun hemm żgura il-konverġenza tad-dejn pubbliku lejn livelli ta' prudenza, huwa strumentali li jkun hemm qafas ta' regoli fiskali numeriċi, speċifiċi għal kull Stat Membru, li jkollhom l-għan li jsaħħu l-imġieba responsabbli fit-tmexxija tal-politika fiskali tiegħu, u fl-istess waqt li jippromwovi l-konformità mal-obbligi baġitarji li jtnisslu mit-TFUE. Jenħtieġ li tali qafas ikun jopera b'mod partikolari billi jistabbilixxi objettiv fuq perjodu medju, <i>bi proċedura trasparenti u demokratika fil-livell nazzjonali</i>, f'termini ta' bilanċ strutturali li jkun vinkolanti fuq l-awtoritajiet baġitarji nazzjonali u fuq id-deċizzjonijiet annwali tagħhom. L-objettivi fuq perjodu medju għall-pożizzjoni baġitarja jippermettu li jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-riskji differenti fil-proporzjon ta' dejn pubbliku għall-PDG u ta' sostenibbiltà tal-Istati Membri, <i>filwaqt li tiġi kkunsidrata l-implimentazzjoni fil-livell tal-Istat Membru tar-riformi strutturali b'valur miżjud Ewropew, korrispondenti għal kompetenzi kondiviżi jew appoġġ Ewropew u suxxettibli li jkollhom impatt soċjoekonomiku pożittiv fil-livell Ewropew</i>, u l-iżviluppi dwar id-dejn jiġu ankrati lejn il-valur ta' referenza stabbilit fl-Artikolu 1 tal-Protkoll Nru 12 dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropew u mat-TFUE.</p>

Raġuni

Evidenti.

Emenda 2

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Sabiex jinkiseb u jinżamm l-oġġettiv fuq perjodu medju f'termini strutturali, huwa neċessarju li l-Istati Membri jispeċifikaw perkors konsistenti ta' aġġustament, ibbażat fuq elementi varjabbli taħt il-kontroll tal-awtoritajiet baġitarji. L-ippjanar fiskali nazzjonali mirfud minn perkors ta' nefqa tal-gvern aġġustat għall-impatt ta' miżuri diskrezzjonarji ta' dħul jiffavorixxi l-effettività, it-trasparenza u r-responsabbiltà fis-sorveljanza tal-iżviluppi fiskali. Sabiex issir il-konnessjoni mill-qrib bejn il-pjani u r-riżultati fiskali kumplessivi fuq perjodu medju u sabiex ikun hemm żgur sens imtejjeb ta' sjieda tal-politika fiskali, jenħtieġ li jiġi stabbilit perkors ta' tkabbir tan-nefqa tal-gvern fuq perjodu medju, esklużi minnu miżuri diskrezzjonarji ta' dħul, għall-perjodu kollu tal-leġiżlatura kif stabbilit mill-ordni legali kostituzzjonali ta' kull Stat Membru. Jenħtieġ li dak il-perkors jiġi stabbilit hekk kif gvern jidħol fil-kariga u l-baġits annwali mbagħad iżommu miegħu, sabiex b'hekk tinkiseb konverġenza reżoluta lejn l-oġġettiv fuq perjodu medju,</p>	<p>Sabiex jinkiseb u jinżamm l-oġġettiv fuq perjodu medju f'termini strutturali, huwa neċessarju li l-Istati Membri jispeċifikaw perkors konsistenti ta' aġġustament, ibbażat fuq elementi varjabbli taħt il-kontroll tal-awtoritajiet baġitarji. L-ippjanar fiskali nazzjonali mirfud minn perkors ta' nefqa tal-gvern aġġustat għall-impatt ta' miżuri diskrezzjonarji ta' dħul jiffavorixxi l-effettività, it-trasparenza u r-responsabbiltà fis-sorveljanza tal-iżviluppi fiskali. Sabiex issir il-konnessjoni mill-qrib bejn il-pjani u r-riżultati fiskali kumplessivi fuq perjodu medju u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri fir-rigward tat-tassazzjoni u tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 110 sa 113 tat-TFUE jenħtieġ li jiġi stabbilit perkors ta' tkabbir tan-nefqa tal-gvern fuq perjodu medju għall-perjodu kollu tal-leġiżlatura permezz ta' proċedura trasparenti u demokratika kif stabbilit mill-ordni legali kostituzzjonali ta' kull Stat Membru, u billi jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-imsieħba ekonomiċi u soċjali skont il-prinċipji tas-sħubija u tal-governanza fuq diversi livelli u b'hekk ikun hemm sjieda nazzjonali akbar tal-politika baġitarja. Jenħtieġ li dak il-perkors ikun segwit mill-baġits annwali sabiex b'hekk tinkiseb konverġenza bi struttura lejn l-oġġettiv fuq perjodu medju.</p>

Raġuni

— “Perkors ta' tkabbir tan-nefqa tal-gvern fuq perjodu medju” fih innifsu ma jippermettix li “ikun hemm żgur sens imtejjeb ta' sjieda tal-politika fiskali”.

— Il-perkors ma jistax jiġi stabbilit kemm għal-leġiżlatura kif ukoll meta l-gvernijiet jieħdu l-kariga.

Emenda 3

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>Minħabba l-effetti pożittivi futuri tagħhom, l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali maġġuri li jseddqu s-sostenibbiltà għat-tul jistgħu jiġġustifikaw bidliet fil-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv fuq perjodu medju, sakemm ikollhom impatt baġitarju pożittiv li jkun verifikabbli li jkun ikkonfermat b'evalwazzjoni li ssir skont ir-rekwiżiti proċedurali tal-PST. Sabiex tiġi ffaċilitata l-istabbilizzazzjoni ekonomika, jenħtieġ li jekk jinqalgħu ċirkostanzi eċċezzjonali – fil-forma ta' tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku għaż-żona tal-euro jew għall-Unjoni kollha kemm hi, jew fil-każ ta' avvenimenti mhux tas-soltu, li ma jkunux fil-kontroll tal-Istat Membru kkonċernat u li jkollhom impatt baġitarju maġġuri – għandu jkun hemm il-possibbiltà ta' devjazzjoni temporanja mill-oġġettiv fuq perjodu medju jew mill-perkors ta' aġġustament lejha, meta tali devjazzjoni ma tqiegħedx fil-periklu s-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu medju.</p>	<p>L-implimentazzjoni ta' riformi strutturali maġġuri ta' valur miżjud Ewropew u direttament marbuta mal-kompetenzi tal-UE jew l-implimentazzjoni tal-investimenti pubbliċi li jseddqu s-sostenibbiltà għat-tul tista' tiġġustifika bidliet fil-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv fuq perjodu medju, sakemm ikollhom impatt baġitarju pożittiv li jkun verifikabbli li jkun ikkonfermat b'evalwazzjoni li ssir skont ir-rekwiżiti proċedurali tal-PST. Sabiex tiġi ffaċilitata l-istabbilizzazzjoni ekonomika, jenħtieġ li jekk jinqalgħu ċirkostanzi eċċezzjonali – fil-forma ta' tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku fi Stat Membru wieħed jew aktar, għaż-żona tal-euro jew għall-Unjoni kollha kemm hi, jew fil-każ ta' avvenimenti mhux tas-soltu, li ma jkunux fil-kontroll tal-Istat Membru kkonċernat u li jkollhom impatt baġitarju maġġuri – għandu jkun hemm il-possibbiltà ta' devjazzjoni temporanja mill-oġġettiv fuq perjodu medju jew mill-perkors ta' aġġustament lejha, meta tali devjazzjoni ma tqiegħedx fil-periklu s-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu medju.</p>

Raġuni

- Ċerti investimenti pubbliċi b'effetti baġitarji pożittivi, diretti u verifikabbli fit-tul fuq it-tkabbir u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi huma meqjusa ekwivalenti għal riformi strutturali kbar fil-kuntest tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST). Il-"klawżola ta' investiment" tal-PST għandha wkoll tkun ikkunsidrata fil-formulazzjoni tar-regoli fiskali nazzjonali.
- Fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas ta' regoli fiskali fil-livell nazzjonali, għandhom jitqiesu sitwazzjonijiet eċċezzjonali possibbli li jaffettwaw Stat Membru wieħed jew aktar mingħajr madankollu ma jwasslu għal reċessjoni taż-żona tal-euro jew tal-Unjoni.

Emenda 4

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p>L-Artikolu 13 tat-TSKG jistipula li l-politiki baġitarji u kwistjonijiet oħra koperti minn dak it-Trattat se jiġu diskussi fil-qafas ta' laqgħat interparlamentari li jinżammu mill-Parlament Ewropew u mill-Parlamenti nazzjonali tal-Partijiet Kontraenti skont it-Titolu II tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, mehmuż mat-Trattati. Jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika bla ħsara għal dik il-prassi, peress li tali djalogu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-responsabbiltà demokratika fil-kuntest tal-governanza ekonomika tal-Unjoni.</p>	<p>L-Artikolu 13 tat-TSKG jistipula li l-politiki baġitarji u kwistjonijiet oħra koperti minn dak it-Trattat se jiġu diskussi fil-qafas ta' laqgħat interparlamentari li jinżammu mill-Parlament Ewropew u mill-Parlamenti nazzjonali tal-Partijiet Kontraenti skont it-Titolu II tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, mehmuż mat-Trattati. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandhom ikunu involuti f'dawn il-laqgħat. Jenħtieġ li din id-Direttiva tikkonferma dik il-prassi, peress li tali djalogu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-responsabbiltà demokratika fil-kuntest tal-governanza ekonomika tal-Unjoni.</p>

Raġuni

Il-prattika tal-laqgħat interparlamentari tikkontribwixxi għat-tiġih tar-responsabbiltà demokratika fil-kuntest tal-governanza ekonomika tal-Unjoni u għaldaqstant għandha tiġi kkonfermata. Barra minn hekk, għandha tiġi rikonoxxuta l-parteċipazzjoni effettiva tal-KtR f'dawn il-laqgħat.

Emenda 5

Artikolu 2(a)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Artikolu 2 Definizzjonijiet	Artikolu 2 Definizzjonijiet
(...)	(...)
Barra minn hekk, japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:	Barra minn hekk, japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:
(a) "ċirkostanzi eċċezzjonali" tfisser avveniment mhux tas-soltu li mhux fil-kontroll tal-Istat Membru kkonċernat u li jkollu impatt kbir fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-amministrazzjoni pubblika jew xi tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku taż-żona tal-euro jew tal-Unjoni kollha kemm hi;	(a) "ċirkostanzi eċċezzjonali" tfisser avveniment mhux tas-soltu li mhux fil-kontroll tal-Istat Membru kkonċernat u li jkollu impatt kbir fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-amministrazzjoni pubblika jew xi tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku ta' Stat Membru wieheċ jew aktar , taż-żona tal-euro jew tal-Unjoni kollha kemm hi;

Raġuni

Ara l-emenda fil-premessa 9.

Emenda 6

Artikolu 3(2)(a)

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Artikolu 3 Responsabbiltà fiskali u orjentazzjoni baġitarja għal perjodu medju	Artikolu 3 Responsabbiltà fiskali u orjentazzjoni baġitarja għal perjodu medju
(...)	(...)
(a) baġits annwali għandhom jiżguraw li jkun hemm konformità mal-oġġettiv fuq perjodu medju li ssir referenza għalih fil-punt (a) tal-paragrafu (1) jew konverġenza lejha, b'mod speċifiku billi tiġi żgurata l-aderenza mal-perkors tan-nefqa tal-gvern li ssir referenza għaliha fil-punt (b) ta' dak il-paragrafu. Fid-definizzjoni tal-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv fuq perjodu medju u f'aġir konformi mar-rekwiżiti proċedurali tal-qafas tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jieħdu f'kunsiderazzjoni l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali maġġuri li jkollhom effetti baġitarji diretti pożittivi għat-tul, inkluż billi jiżdied it-tkabbir sostenibbli potenzjali, u għalhekk impatt verifikabbli fuq is-sostenibbiltà għat-tul tal-finanzi pubbliċi.	(a) baġits annwali għandhom jiżguraw li jkun hemm konformità mal-oġġettiv fuq perjodu medju li ssir referenza għalih fil-punt (a) tal-paragrafu (1) jew konverġenza lejha, b'mod speċifiku billi tiġi żgurata l-aderenza mal-perkors tan-nefqa tal-gvern li ssir referenza għaliha fil-punt (b) ta' dak il-paragrafu. Fid-definizzjoni tal-perkors ta' aġġustament lejn l-oġġettiv fuq perjodu medju u f'aġir konformi mar-rekwiżiti proċedurali tal-qafas tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jieħdu f'kunsiderazzjoni l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali maġġuri li jista' jkollhom impatt soċjoekonomiku pożittiv fil-livell Ewropew, it-tweġġiq ta' investimenti pubbliċi jew il-kofinanzjament ta' Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jew il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi li jkollhom effetti baġitarji diretti pożittivi għat-tul, inkluż peress li jżidu t-tkabbir sostenibbli potenzjali, u għalhekk impatt verifikabbli fuq is-sostenibbiltà għat-tul tal-finanzi pubbliċi.

Raġuni

Ċerti investimenti pubbliċi b'effetti baġitarji pożittivi, diretti u verifikabbli fit-tul fuq it-tkabbir u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi huma meqjusa ekwivalenti għal riformi strutturali kbar fil-kuntest tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST). Il-“klawżola ta' investment” tal-PST għandha wkoll tkun ikkunsidrata fil-formulazzjoni tar-regoli fiskali nazzjonali.

Emenda 7

Artikolu 3(4)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
<p style="text-align: center;">Artikolu 3</p> <p style="text-align: center;">Responsabbiltà fiskali u orjentazzjoni baġitarja għal perjodu medju</p> <p>4. L-Istati Membri għandhom jaħtru korpi indipendenti għas-sorveljanza tal-konformità mad-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2. Il-korpi indipendenti għandhom jipprovdu evalwazzjonijiet pubbliċi sabiex jagħtu prova ta':</p> <p>(a) <i>l-adegwatezza tal-objettiv fuq perjodu medju skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 u tal-perkors tan-nefqa tal-gvern li ssir referenza għalih fil-punt (b) tal-paragrafu 1. Dik l-evalwazzjoni għandha tiegħu f'kunsiderazzjoni b'mod partikolari l-plawżibbiltà tal-previżjoni makroekonomika sottostanti, il-grad ta' speċifikazzjoni tan-nefqa u d-dħul tal-gvern ippjanata, u l-effetti baġitarji pożittivi potenzjali diretti, għat-tul, ta' riformi strutturali maġġuri.</i></p> <p>(b) <i>il-konformità mal-objettiv fuq perjodu medju u l-perkors tan-nefqa tal-gvern, inkluż l-eżistenza ta' riskju serju ta' okkorrenza ta' devjazzjoni sinifikanti mill-objettiv fuq perjodu medju jew mill-perkors ta' aġġustament lejha;</i></p> <p>(c) <i>kwalunkwe okkorrenza jew tmiem ta' kull ċirkostanza eċċezzjonali kif issir referenza għaliha fil-paragrafu 3.</i></p>	

Raġuni

L-Istati Membri kollha għandhom diġà istituzzjonijiet pubbliċi li kapaċi jivvalutaw b'mod indipendenti n-nefqa u d-dħul tal-gvern. Mhemmx b'żonn li jinħolqu korpi addizzjonali, li l-leġittimità tagħhom tidher vaga, bir-riskju li tiddgħajef is-sjeda nazzjonali tal-politika fiskali.

Emenda 8

Żid Artikolu ġdid wara l-Artikolu 5

Test proposit mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	<p style="text-align: center;">Artikolu ġdid</p> <p style="text-align: center;">Konferenzi interparlamentari</p> <p><i>Kif previst fit-Titolu II tal-Protokoll (Nru 1) dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness għat-Trattati tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri flimkien għandhom jiddefinixxu l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' konferenza li tiġbor flimkien lir-rappreżentanti tal-komitati rilevanti tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali biex jiddiskutu l-politiki fiskali u l-governanza ekonomika tal-Unjoni. Il-korpi konsultattivi tal-Unjoni – il-Komitat Ewropew tar-Reġjuni u l-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew – għandhom ikunu involuti f'dawn il-konferenzi.</i></p>

Raġuni

Ara l-emenda 4 fil-premessa 17.

II. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA**IL-KUMITAT EWROPEW TAR-REĠJUNI**

1. jilqa' r-rieda tal-Kummissjoni li tirrifirma u tapprofondixxi l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) kemm jista' jkun malajr, waqt li l-ekonomija Ewropea tinsab f'fażi ta' rkupru relattiv, u jiġi żgurat li s-suq uniku jirrispetta d-differenzi bejn l-Istati Membri li qegħdin fiż-żona tal-Euro u dawk li mhumiex. Fil-fatt, mill-2008, il-kriżi enfasizzat id-dgħufijiet tal-qafas istituzzjonali taż-żona tal-euro u l-miżuri meħuda mhumiex biżżejjed biex jiżguraw l-istabilità u l-prosperità tagħha f'każ ta' xokkijiet ekonomiċi u finanzjarji ġodda; jenfasizza li n-nuqqas ta' konverġenza u ta' koeżjoni fi ħdan l-Unjoni u l-fraġilitajiet ekonomiċi u bankarji għandhom impatt partikolari fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali, speċjalment fid-dawl taż-żieda tal-infiq soċjali minħabba l-kriżi u tal-limitazzjoni tal-kapaċità tagħhom li jinvestu u li jżommu livell ta' kwalità sodisfaċenti tas-servizzi pubbliċi ⁽¹⁾;

2. jappoġġja l-prinċipju tal-introduzzjoni ta' kapaċità baġitarja mmirata biex iżżid ir-reżiljenza taż-żona tal-euro u biex tħejji l-konverġenza mal-membri futuri taż-żona tal-euro. Din il-kapaċità trid tkun finanzjata minn riżorsi proprji distinti minn dawk previsti għall-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni Ewropea, sabiex jiġi evitat l-indħil ta' din il-kapaċità fil-programmi tal-UE aċċessibbli għall-UE-27. Barra minn hekk, din il-kapaċità trid tingħadd lil hinn mill-pjataforma tar-riżorsi tal-baġit tal-UE.

3. jiddispaċih barra minn hekk li l-proposta tal-Kummissjoni ppreżentata fil-31 ta' Mejju 2018 taqsam din il-kapaċità fuq miżuri għal riformi strutturali li mhumiex neċessarjament marbuta mal-konverġenza fiż-żona tal-euro u fuq mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni tal-investimenti f'forma ta' self ta' ammont relattivament baxx ta' mhux aktar minn EUR 30 biljun u tipprevedi biss EUR 2,16 biljun għall-mekkaniżmu ta' garanzija ta' kontinġenza għall-konverġenza per se.

4. jaqbel fuq il-kofinanzjament Ewropew possibbli ta' riformi strutturali fil-livell nazzjonali, jekk dawn isiru skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, f'oqsma ta' kompetenza tal-UE, li jinvolve miżuri b'valur miżjud Ewropew u impatt ekonomiku pożittiv sinifikanti. Il-proposta għal regolament ippreżentata fil-31 ta' Mejju 2018 li tistabbilixxi l-programm ta' appoġġ għal riformi b'baġit globali ta' EUR 25 biljun se tkun is-suġġett ta' opinjoni separata tal-KtR.

⁽¹⁾ L-Opinjoni tal-KtR dwar *Id-Dokument ta' Riflessjoni dwar l-Approfondiment tal-UEM sal-2025*. Adottata fit-30 ta' Novembru 2017. Relatur: Christophe Rouillon (FR/PSE): <http://webapi.cor.europa.eu/documentsanonymous/cor-2017-03197-00-01-ac-tra-mt.docx>.

5. iqis madankollu li dawn l-istrumenti finanzjarji ġodda ma jistgħux ikunu ffinanzjati għad-detriment tal-politika ta' koeżjoni ⁽²⁾ ⁽³⁾;
6. itenni t-talba tiegħu għal koordinazzjoni aħjar tal-politiki ekonomiċi u soċjali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u jitlob li l-awtoritajiet lokali u reġionali jkunu involuti aktar mill-qrib permezz ta' "kodiċi ta' kondotta" ⁽⁴⁾;
7. jenfasizza li r-regoli u l-proċeduri attwali għall-iskrutinju Ewropew tal-baġits nazzjonali fi ħdan l-Unjoni mhumiex kapaċi jevitaw b'mod effettiv l-iżbilanċi u l-vulnerabbiltajiet u m'għandhomx leġittimità demokratika;
8. Jinnota l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-titoli sostnuti minn bonds sovrani (sovereign bond-backed securities, jew SBBS) li għandha l-għan li ssaħħa l-integrazzjoni u d-diversifikazzjoni fis-settur finanzjarju Ewropew. Il-KtR jirrikonoxxi li a priori l-SBBS ma jinvolvux mutwalizzazzjoni tar-riskji u tat-telf bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro u li titoli bħal dawn jgħinu biex idgħajfu r-rabta bejn il-banek u l-mutwatarji sovrani u biex ikunu inqas favorevoli għall-bonds sovrani. Madankollu l-KtR itenni d-dubji tiegħu dwar il-kwistjoni ta' kif ir-"rikondizzjonar" tal-bonds sovrani fi prodotti ggarantiti jnaqqas ir-riskju minflok jiddistribwih mill-ġdid lill-atturi finanzjarji mhux regolati ⁽⁵⁾;
9. jenfasizza l-hteġa urġenti li tiġi kkompletata l-unjoni bankarja u jiddisjaċih li l-Kunsill Ewropew ippospona l-adozzjoni tal-pjan direzzjonali għall-finalizzazzjoni tiegħu għal Ġunju 2018. Jappoġġja approċċ parallel biex jitnaqqas il-volum ta' dejn dubjuż u ta' self improduttiv miżmuma mill-banek filwaqt li jintroduċi gradwalment Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti;

Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi dispożizzjonijiet għat-tisħiħ tar-responsabbiltà fiskali u l-orjentazzjoni baġitarja fuq perjodu medju fl-Istati Membri

10. jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni li tintegra l-kontenut tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza (TSKG) fil-qafas legali Ewropew, liema integrazzjoni kienet prevista fl-Artikolu 16 tat-TSKG stess; madankollu jiddubita kemm huwa legalment, politikament u demokratikament rilevanti li tintuża proposta għal direttiva [(ibbażata fuq l-Artikolu 126.14 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)] li tipprovdi biss għall-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew u li għalhekk ma tiżgurax teħid ta' deċizzjonijiet trasparenti u demokratiċi, li madankollu huwa meħtieġ fir-rigward tal-kwistjonijiet tal-miżura.
11. jenfasizza madankollu li t-TSKG jipprovdi din l-integrazzjoni "fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-esperjenza bl-implimentazzjoni tiegħu", liema valutazzjoni tidher li la saret b'mod eżawrjenti u lanqas ma ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni. Din il-valutazzjoni kellha tenfasizza s-sitwazzjoni inkwetanti tal-investment pubbliku fi ħdan l-UE. Skont l-Eurostat, l-investment pubbliku totali fl-Unjoni niżel minn 3,4 % tal-PDG fl-2008 għal 2,7 % fl-2016. Fl-istess ħin, l-investment tal-awtoritajiet lokali kompli jonqos minn 1,5 % tal-PDG fl-2008 għal 1,1 % fl-2016, b'sitwazzjonijiet saħansitra aktar serji f'ċerti Stati Membri ⁽⁶⁾; għaldaqstant jiddisjaċih jinnota li l-investimenti pubbliċi spiss huma l-aktar milquta mill-politiki ta' konsolidazzjoni fiskali, inkluż fil-livell tal-awtoritajiet lokali u reġionali, meta dawn huma responsabbli għal aktar min-nofs l-investment pubbliku fl-UE, u l-investimenti tagħhom għandhom impatt dirett fuq l-ekonomiji lokali kif ukoll fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej; huwa mħasseb ukoll f'dan il-kuntest dwar iż-żieda fiċ-ċentralizzazzjoni tal-investment pubbliku, peress li s-sehem tal-investimenti magħmula mill-komunitajiet naqas sew mis-60 % tas-snin disgħin ⁽⁷⁾; Bl-istess mod, l-evalwazzjoni suppost uriet b'mod ċar ir-riperkussjoni tal-kriżi u tal-politika ta' konsolidazzjoni fuq in-nefqa soċjali u s-servizzi tal-istat soċjali ta' ħafna pajjiżi u reġjuni;

⁽²⁾ Riżoluzzjoni tal-KtR: *It-tibdil tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni tal-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej biex jiġu appoġġjati r-riformi strutturali*. Adottata fl-1 ta' Frar 2018: <http://webapi.cor.europa.eu/documentsanonymous/cor-2017-06173-00-00-res-tra-mt.docx>.

⁽³⁾ Opinjoni tal-KtR: *Emenda tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (PARS) u strumenti baġitarji ġodda għaż-żona tal-euro*. Relatur: Olga Zrihen (BE/PSE) Adottata fit-22 ta' Marzu 2018. <http://webapi.cor.europa.eu/documentsanonymous/cor-2018-00502-00-00-ac-tra-mt.docx>

⁽⁴⁾ Opinjoni tal-KtR: *It-titjib tal-governanza tas-Semestru Ewropew: Kodiċi ta' Kondotta għall-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġionali*. Relatur: Rob Jonkman (NL/KRE) Adottata fil-11 ta' Mejju 2017. ĠU C 306, 15.9.2017, p. 24.

⁽⁵⁾ Ara l-punt 22 tal-opinjoni tal-KtR tat-30 ta' Novembru 2017 dwar *Id-dokument ta' riflessjoni dwar l-Approfondiment tal-UEM sal-2025*.

⁽⁶⁾ Eurostat: *Formazzjoni grossa tal-kapital fiss tal-amministrazzjonijiet pubbliċi*. Kodiċi: tec00022. Data provviżorja għall-2016. <http://ec.europa.eu/eurostat/tgm/refreshTableAction.do?tab=table&plugin=1&pcode=tec00022&language=en>.

⁽⁷⁾ Kummissjoni Ewropea (UE), *Is-seba' rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali*. Settembru 2017, p. 168. http://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/cohesion-report/

12. huwa mħasseb għalhekk dwar in-nuqqas ta' referenza għall-investiment pubbliku fil-proposta tal-Kummissjoni, speċjalment peress li l-flessibilità meħtieġa għall-investiment għiet rikonoxxuta fil-passat, b'mod partikolari fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Jannar 2015 dwar dan is-suġġett⁽⁸⁾, u li ċerti investimenti pubbliċi għandhom effetti fit-tul pożittivi u verifikabbli fuq it-tkabbir, u għalhekk fuq is-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi; ifakkar ukoll f'dan il-kuntest li l-Artikolu 126(3) tat-TFUE jipprovdi li r-rapport imfassal qabel it-tneđija ta' proċedura ta' defiċit eċċessiv "għandu jkoll ukoll jekk id-dejn tal-gvern ikunx jeċċedi n-nefqa tal-gvern f'investiment u jkoll il-fatturi l-oħra kollha rilevanti".

13. ifakkar barra minn hekk li l-KtR kien dubjuż dwar iċ-ċertezza legali pprovduta minn komunikazzjoni interpretattiva tal-Kummissjoni u kien qies li jkun meħtieġ li jitqies il-livell ta' nuqqas ta' investiment nazzjonali jew reġjonali biex ikun hemm tassew effett fuq il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li jinvestu⁽⁹⁾; iqs li din l-analiżi tingħata raġun mill-Komunikazzjoni tat-23 ta' Mejju 2018 dwar ir-reviżjoni tal-flessibilità fil-qafas tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir⁽¹⁰⁾, li tgħid sa mill-2015 erba' Stati Membri biss talbu biex jagħmlu użu mill-klawżola ta' riformi strutturali u/jew mill-klawżola ta' investiment filwaqt li kważi nofs l-Istati Membri ssodisfaw il-kundizzjonijiet biex jagħmlu użu mill-klawżola ta' riformi strutturali. Fil-fatt, il-kundizzjoni li Stat Membru għandu jgħaddi minn perjodu ta' diffikultajiet ekonomiċi biex jibbenefika mill-klawżola ta' investiment illimitat l-użu tagħha b'mod konsiderevoli. L-obbligu li jiġi rrispettat il-marġni ta' sigurtà meta mqabbel mal-limitu tad-defiċit ta' 3 % matul tliet snin ħoloq ukoll restrizzjoni għal ċerti Stati Membri. Skont stqarrija tal-Kummissjoni stess, "l-impatt (tal-komunikazzjoni interpretattiva) fuq il-volum tal-investimenti pubbliċi diffiċli jiġi vvalutat b'mod preċiż". Għaldaqstant, twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-komunikazzjoni jidher neċessarju biex ikollu effetti fuq il-livell tal-investimenti;

14. itenni għal darb'oħra t-talba tiegħu li n-nefqa pubblika, li jġarrbu l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qafas tal-kofinanzjament tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment, tan-netwerks trans-Ewropej u tal-Mekkaniżmu għall-interkonnessjoni fl-Ewropa ma għandhomx jiġu inklużi man-nefqa nazzjonali jew dik strutturali ekwivalenti kif definit fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, mingħajr kundizzjonijiet oħra, peress li dawn l-investimenti huma min-natura tagħhom investimenti ta' kwalità u ta' natura Ewropea.

15. jargumenta li skont il-Protokoll Nru 12 tat-TFUE, l-Istati Membri huma responsabbli għad-defiċits tal-gvern ġenerali li jinkludi l-livelli kollha tiegħu. Fl-istess ħin, madankollu, l-effett tar-regoli fiskali tal-UE fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali Ewropej ivarja ħafna. L-effetti tagħhom jiddependu a) mill-mod li bih l-Istati Membri ttrasponew ir-regoli fiskali tal-UE fil-liġi nazzjonali tagħhom; b) mill-grad ta' deċentralizzazzjoni fiskali fi Stat Membru; c) mill-livell tas-setgħat tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u d) mis-sitwazzjoni finanzjarja ta' dawn l-awtoritajiet, li tista' tvarja ħafna anki fl-istess Stati Membri;

16. jistieden mill-ġdid lill-Kummissjoni biex tippubblika White Paper li tistabbilixxi tipoloġija fil-livell tal-UE tal-kwalità tal-investiment pubbliku fil-kontinju tal-infiq tal-gvern skont l-effetti fit-tul tiegħu⁽¹¹⁾;

17. iqs li d-direttiva dwar l-istabbiltà ta' qafas ta' regoli fiskali fil-livell nazzjonali, għandha tqis sitwazzjonijiet eċċezzjonali possibbli li jaffettwaw Stat Membru wieħed jew aktar mingħajr madankollu ma twassal għal reċessjoni taż-żona tal-euro jew tal-Unjoni kollha.

18. itenni t-tħassib tiegħu dwar il-qafas tal-kontabilità SEC 2010 tal-Eurostat, implimentat minn Settembru 2014, li ma jagħmilx distinzjoni bejn infiq u investiment. F'ċerti Stati Membri, it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali ta' dawn id-dispożizzjonijiet tfisser li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu obbligati li japplikaw limiti massimi ta' investiment pubbliku għal kull sena u għal kull abitant. Dawn il-limiti jfjixklu b'mod partikolari lill-awtoritajiet lokali u reġjonali milli jipprovdu l-kofinanzjament meħtieġ għall-proġetti tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. Dawn il-limiti jimblukkaw ukoll lil dawk l-awtoritajiet lokali u reġjonali li għandhom mezzi finanzjarji fir-riżerva biex iniedu proġetti ta' investiment sinifikanti mhux relatati mal-FSE; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-SEC 2010;

19. huwa tal-fehma li mod adatt biex jiġu applikati r-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, mingħajr ma titwitta t-triq għall-kontabilità, huwa li jiġu mmodifikati r-regoli ta' deprezzament tal-investiment pubbliku u li l-ispejjeż totali tal-investiment ma jiġux ikkalkulati bħala spiża fl-ewwel sena, iżda – kif jagħmlu l-kumpaniji privati – l-ispejjeż jitqasmu tul il-ħajja mistennija tal-investiment;

⁽⁸⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea: *L-aħjar użu tal-flessibilità fir-regoli eżistenti tal-Patt tal-Istabbiltà u Tkabbir*. 13 ta' Jannar 2015. Ref.: COM(2015) 12: <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52015DC0012&from=EN>.

⁽⁹⁾ Opinjoni tal-KtR: *Nagħmlu l-aħjar użu tal-flessibilità fl-ambitu tar-regoli eżistenti dwar il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir*. Adottata fid-9 ta' Lulju 2015. Relatur: Olga Zrihen (BE/PSE) ĠU C 313, 22.9.2015, p. 22.

⁽¹⁰⁾ COM(2018) 335 final.

⁽¹¹⁾ Opinjoni tal-KtR: *Il-promozzjoni tal-kwalità tal-infiq pubbliku fi kwistjonijiet soġġetti għal azzjoni tal-UE* Adottata fit-3 ta' Diċembru 2014. Relatur: Catuscia Marini (IT/PSE). ĠU C 19, 21.1.2015, p. 4.

20. iqis li l-prattika tal-laqgħat interparlamentari, kif prevista fl-Artikolu 13 tat-TSKG, tikkontribwixxi biex tiżdied ir-responsabbiltà demokratika fil-governanza ekonomika tal-Unjoni u għaldaqstant għandha tkun affermata mill-ġdid f'din il-proposta għal direttiva, iżda jitlob li l-parteċipazzjoni tal-KtR f'dawn il-laqgħat tkun formalizzata biex tiġi rikonoxxuta l-hteġa tal-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-governanza ekonomika;

Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabiliment ta' Fond Monetarju Ewropew

21. iqis li l-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) u s-suċċessur tagħha, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), kienu strumenti indispensabbli fil-ġestjoni fuq żmien qasir tal-kriżi ekonomika u finanzjarja; jinnota madankollu li d-deċiżjonijiet fil-MES mhumiex trasparenti, li l-unanimità meħtieġa għadha sors potenzjali ta' ostakoli u li dawn l-istrumenti jaqgħu barra mill-qafas legali Ewropew;

22. għaldaqstant jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni tintegra l-MES fil-liġi primarja Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro tagħmlu responsabbli quddiem il-Parlament Ewropew u tissugġettah għall-obbligu li jipubblika rapporti ta' kontabilità annwali, għar-regoli tal-aċċess għad-dokumenti kif ukoll għall-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u għall-Ombudsman Ewropew;

23. jappoġġja wkoll il-proposta tal-Kummissjoni li tipprovi li d-deċiżjonijiet importanti, speċjalment dawk dwar l-ġhoti ta' għajnuma finanzjarja, se jittieħdu b'maġġoranza ponderata skont il-kapital magħmul disponibbli ta' 85 % u mhux aktar b'unanimità, biex jiġi ffaċilitat it-teħid tad-deċiżjonijiet;

24. jappoġġja wkoll l-użu tal-"Fond Monetarju Ewropew" bħala xibka ta' sikurezza jew "backstop" għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF), element ewlieni tal-Unjoni bankarja, jekk ir-riżorsi ta' dan tal-aħħar ma jkunux biżżejjed biex jiffaċilitaw ir-riżoluzzjoni kkontrollata tal-banek il-kbar f'diffikultà;

25. jissuġġerixxi madankollu li l-isem tal-Fond jiġi mibdul, għal raġunijiet ta' ċarezza fir-rigward taċ-ċittadini; skont l-Artikolu 127 TFUE, il-politika monetarja hija definita u implimentata mill-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali fis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ); peress li l-Fond ipplanat minn dan ir-regolament ma għandu ebda sehem minnu, ismu ma għandux jinkludi t-terminu "monetarju"; iqis li l-isem "Fond Ewropew ta' Assistenza" jew "Fond Ewropew ta' Stabilizzazzjoni" bħala aktar adatti;

Komunikazzjoni: Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi

26. jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi li jkun fl-istess ħin Viċi President tal-Kummissjoni u President tal-Grupp tal-Euro u b'riżultat ta' dan ikollu leġittimità doppja u jikkonkretizza responsabbiltà demokratika u legibiltà aħjar u fil-governanza tal-UEM. Huwa xieraq li jiġu speċifikati l-modalitajiet ta' eżerċizzju ta' din il-funzjoni sabiex ma twassalx għal aktar ċentralizzazzjoni tat-teħid ta' deċiżjonijiet fiskali;

27. ifakkar l-appoġġ tiegħu għall-fużjoni tal-funzjonijiet tal-President tal-Grupp tal-Euro u l-Kummissarju għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji bl-għan li jħaddnu l-interess ġenerali taż-żona tal-euro fi ħdan il-Grupp tal-Euro u biex il-President tal-Grupp tal-Euro jkun responsabbli quddiem il-Parlament Ewropew, li mhuwiex il-każ bħalissa;

28. jinnota li, f'każ ta' elezzjoni tal-Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi, japplikaw il-bażijiet legali magħquda tal-Artikolu 2 tal-Protokoll 14 dwar il-Grupp tal-Euro u tal-Artikolu 17 tat-TUE;

29. iqis madankollu li din il-miżura għandha tkun akkumpanjata minn riforma fil-fond tal-Grupp tal-Euro nnifsu, li l-istatus tiegħu għandu jkun formalizzat aktar u li għandu, pereżempju, jipubblika minuti dettaljati, b'mod li d-deċiżjonijiet il-kbar meħuda waqt il-laqgħat ikunu ttieħdu b'mod trasparenti;

30. ifakkar, barra minn hekk, il-konvinzjoni tiegħu li l-problema tad-defiċit demokratiku fl-UEM tista' tissolva biss jekk iċ-ċittadini Ewropej ikunu konvinti li din tiproteġi wkoll il-prinċipju ta' progress soċjali, u li l-impjiegi, iż-żidiet fis-salarji u l-istandards soċjali ma jitqiesux inqas importanti mit-tħassib makroekonomiku u fiskali;

31. jemmen li l-approfondiment tal-UEM u l-koordinazzjoni tal-politiki fiskali huma kruċjali, b'mod partikolari billi jimplimentaw l-Unjoni Bankarja u l-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-FME. Fl-istess ħin, jeħtieġ li tingħata attenzjoni lis-sitwazzjoni politika u l-opinjoni pubblika.

Brussell, il-5 ta' Lulju 2018.

*Il-President
tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni*

Karl-Heinz LAMBERTZ